MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 193/2012

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta :

1. Illi il-partijiet izzewgu fl-20 ta' Jannar 1990 u minn dan iz-zwieg kellhom erbgha (4) titfal illum S u D biss ghadhom minuri;

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta` kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dottor Nicholas Vella tad-9 ta' Frar 1999 Dokument "A";

3. Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba snin ma jghixux flimkien, illum ghandhom

hajja totalment separata minn xulxin u rabtiet b’familja ohra;

5. Illi skond l-kuntratt hawn fuq citat l-partijiet iddekadew mid-dritt illi jitolbu manteniment minghand xulxin , mentri l-intimat kien obbligat li ihallas is-somma ta’ Eur 93.17 fil-gighma bhala manteniment ghat-tfal minuri kollha liema manteniment baqa jithallas anke fuq l-ulied maggorenni ghal xi zmien u issa ghadu dovut parti minnu fil-konfront tat-tfal hawn fuq imsemmija;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ April, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta’ Frar 1999;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi l-partijiet kienu iddekadew mid-dritt illi jitolbu manteniment minghand xulxin, mentri l-intimat kien obbligat illi jhallas

manteniment ghat-tfal minuri, liema manteniment baqa jithallas u ma hemm l-ebda problema f'dan ir-rigward;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------